**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Noel Attard**

Numru: 355/2019

Illum 1 ta' Settembru 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Noel Attard,** iben Michael u Carmen nee' Attard, imwieled fis-26 ta' Ottubru 1981 fir-Rabat, Għawdex, residenti ġewwa l-fond 'Amore', Triq il-Mitħna, Żebbug, Għawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 28681(G), akkużat talli matul ix-xahar ta' April 2019 u fix-xhur ta' qabel u wara ġewwa Garaxx Numru 5, Triq Lampuka, Żebbug, Għawdex u/jew fil-viċinanzi:

1. Ġiegħel annimal isofri uġiegh, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn jew abbandunah;

2. U aktar bhala persuna li jżomm jew jaqbel li jżomm l-annimali, naqas li jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom;

3. U aktar tali naqas li jieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkustanzi sabiex jiżgura li l-ħtiġijiet ta' annimal/i li hu responsabbli għalih/om jew li qabel li jieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgur is-saħħa u l-benesseri tal-annimal/i;

4. U aktar talli żamm kelb/klieb t'erba' xhur jew aktar mingħajr liċenzja;

5. U aktar tali żamm kelb/klieb fi spazju limitat li huwa permess biss f'kumpartament adekwat skont l-iskeda ġewwa żona mdawra bi ċnut sikur, fuq art li hija solida u imperabbli f'kundizzjonijiet u iġjene tajba u mingħajr irbit jew trażżin;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Semgħet il-provi;

Semgħet, waqt is-seduta tat-18 ta' Diċembru 2019, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ u b'hekk għalqet il-provi tagħha;

Semgħet, waqt is-seduta tal-14 ta' Lulju 2020, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li se tistrieħ fuq l-atti proċesswali;

Semghet, waqt is-seduta tal-14 ta' Lulju 2020, trattazzjoni finali min-naħa tad-Difiża.

## KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

### Preliminari[1]

Din hija Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jiġu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha u li jkunu magħmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-proċedura ma jistgħux jiġu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jiġu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiża ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

[1] Il-Qorti qegħda tibbaża din l-ewwel parti fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Maġistrat Aaron Bugeja fil-kawża il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deċiża fil-5 ta' Frar 2016

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jinġiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu ġew miktuba u preżentati quddiemha mill-Pulizija Eżekuttiva jew skont kif ikunu ġew miżjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkużatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irriżulta matul il-kors tal-proċess penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn ċertu ġurisprudenza fir-rigward tal-proċedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' ġurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' preġudizzju għall-proċeduri penali u għad-drittijiet tad-difiża.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull każ huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Liġi u fil-Liġi. Din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeċiedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodiċi Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Ċivili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura ċivili li mhumiex previsti mill-

Kodiċi Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

F'kull każ pero', stante li din hija Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinċiment morali u suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiża tagħżel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-każ, huwa biżżejjed għad-difiża li tikkonvinċi lil Qorti bit-teżi tagħha fuq bażi ta' konvinċiment morali li jistrieħ fuq bilanċ ta' probabbilta' u f'każ li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa prinċipji kardinali li jsawru l-proċediment penali Malti. Jogħġbuna jew ma jogħġbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bażilari li jistrieħ fuqhom il-proċediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiġġudika dan il-każ skont l-akkuża li ġiet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawża intrapriża mill-Prosekuzzjoni u tiddeċiedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni preżentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**XHIEDA**

F'dan il-każ xehdu 5 xhieda:

*Joseph Cassar (a* fol. *32 et seq.), Fiorita Maria Sammut (a* fol. *46 et seq.), PC 555 Fabio Schembri (a* fol. *53 et seq.), Dr. Luke Vella Verzin (a* fol. *67 et seq.) u s-Sur Noel Montebello (a fol. 77 et seq.).*

*Stante* li x-xhieda tinsab kollha traskritta u tinsab parti minn dan il-proċess m'hemmx lok li tkun riprodotta f'din is-sentenza.

**<u>X'irriżulta mill-provi</u>**

Fl-erbgħa (4) ta' April 2019 kien daħal rapport li ġewwa Triq il-Lampuka, Żebbug, Għawdex hemm garaxx u qed jinżammu xi klieb li qed ikunu msakkrin hemmhekk għal perjodu twil.

Fil-ħamsa (5) ta' April saret spezzjoni mill-Uffiċċjal tal-Animal Welfare Joe Cassar u l-veterinarju Dottor Luke Verzin fejn sabu l-bieb kien imbexxaq u kien hemm żewġt iklieb ġewwa gaġeġ li mad-daqqa ta' għajn minn barra t-triq kienu jidhru li huma żgħar. Ittieħdu xi ritratti u ippruvaw jaraw min kien sidhom.

Wara kienu ħallew it-telephone ma' persuna li kienet tgħix fl-inħawi biex jekk jara lil sidhom jgħaddilhom dan in-numru 79321717, il-mobile li jużaw waqt ix-xogħol, biex jagħmel kuntatt magħhom.

Aktar tard kien ċempel Noel Attard li kien kellem lil Fiorita Sammut fejn kienet infurmatu biex ikabbar il-gaġeġ għax kienu żgħar fejn kienu qed jinżammu. Dan qalilha li l-gaġeġ kienu tajbin u li ma kienx se jkabbarhom. Qalulu wkoll li jekk inhu possibli jħallihom jiġru fil-garaxx, jiftħilhom il-bieba però qalilhom li mhuwiex possibli li jħallihom fil-garaxx.

Ix-xhud Joe Cassar spjega li qabel l-erbgħa (4) ta' April kienu diġà daħlu xi rapporti u kienu marru fuq il-post u kienu pruvaw ikellmu lill-imputat, fejn hu kien kellmu bit-telephone u kien avżah biex ikabbar il-gaġeġ u kien qallu l-istess diskors li għalih il-gaġeġ kienu tajbin u li mhux se jċaqlaq xejn.

Fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2019 reġgħu marru l-uffiċjali jagħmlu spezzjoni oħra fejn kien baqa' kollox l-istess. Ittieħdu xi ritratti għax il-garaxx dejjem kien ikun jew imbexxaq jew miftuħ. Mir-ritratti irriżulta li ma kien sar l-ebda tibdil.

Fil-ħmistax (15) ta' Ġunju 2019 kienu kkonfiskati l-klieb li nstabu fuq il-post. Qabel ma sar dan l-uffiċjali tal-Ħarsien tal-Annimali marru l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat u ġew assistiti minn PC 555 u PC 1571 u marru fil-post indikat. Hemm sabu lis-sid fejn infurmawh li kellhom ordnijiet biex jieħdu l-klieb u għalkemm ma ħax gost u beda jkellimhom mhux xieraq il-klieb ittieħdu. Niżżluhom Malta u ħaduhom l-isptar l-APH ta' Qali għal check-up.

Ix-xhud Fiorita Sammut spjegat dwar il-qisien tal-gaġeġ rikjesti mil-liġi u dawk li nstabu fuq il-post fejn kien hemm il-klieb tal-imputat:

*Ix-xhud:*

*Issa l-qisien jekk int għandek kelb bejn tletin u ħamsin ċentimetru bħala għoli jrid ikun two point four metre squared (2.4m²) . L-inqas side irid ikun one point two metres (1.2m)  meters. Bħala l-inqas size miż-żewġ sizes.*

*Il-Qorti:*

*Imbagħad 1.2?*

*Ix-xhud:*

*1.2 meters l-inqas size u bħala meters squared 2.4 meters squared. Dak jekk inhu kelb tan-nofs bejn thirty u fifty. Li l-klieb l-biċċa l-kbira dawk huma aktar ogħljin minn fifty centimeters. Minn fifty centimeters 'l fuq imbagħad irid ikun three meters squared (3m²) fejn l-inqas side irid ikun 1.2 bħal l-ieħor ta' qablu.*

*Il-Qorti:*

*Issa f'dan il-każ il-qisien li sibtu u kemm riedu jkunu?*

*Ix-xhud:*

*Il-qisien li sibna kienu 210cm by 90, voldieri l-inqas side suppost kellu jkun 1.2 minimum. U kien 94, sorry, 94. 210 by 94. Voldieri l-inqas side ried ikun 1.2. Hu kien 94cm. Li still jekk tagħmilhom times actualy jiġu 1.97 meters squared. Lanqas il-meters squared ma kellu fejn ipaċija.*

[…]

*Spettur Josef Gauci:*

*Taf tgħidilna kemm kellu klieb?*

*Ix-xhud:*

*Fil-bidu l-ewwel darba li morna li għamilna l-ispezzjoni kien hemm tlieta klieb kif narawhom minn barra. Ovvjament. Meta morna dakinhar klieb kien hemm tnejn.*

*Spettur Josef Gauci:*

*U sstabbilixxejtu –*

*Ix-xhud:*

*U lanqas ma kienu iċċipjati l-klieb.*

*Spettur Josef Gauci:*

*Stabbilixxejtu s-sid min kien ta' dawn il-klieb?*

*Ix-xhud:*

*Is-Sur Noel Attard.*

*Spettur Josef Gauci:*

*Issa int f'din l-awla qed tgħarraf lil xi ħadd?*

*Il-Qorti:*

*F'dan il-każ int qed tgħaraf lil xi ħadd lil dan li semmejt x'imkien?*

*Ix-xhud:*

*Is-sinjur ta' hawnhekk.*

*Il-Qorti:*

*Qed tindika lill-imputat fl-awla.*

**Moħqrija fuq l-annimali**

Illi l-imputat jinstab mixli b'imputazzjonijiet regolati mill-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kapitolu 439).

Il-Qorti tagħmel referenza għad-deċizjoni tagħha fl-ismijiet il-**Pulizija vs Leon Borg** deċiza fit-12 ta' Mejju 2020.

L-artikolu 8(2) li jiddisponi illi:

> *(2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat.*

Bl-emenda introdotta bl-Att XXXV tas-sena 2014 ġie speċifikat f'aktar dettal liema passi għandhom jittieħdu minn min ikun qed jieħu ħsieb annimal biex jiżgura illi kull annimal ikollu kull ma jinħtieġ, inkluż ambjent adegwat u ikel xieraq fost oħrajn. Bl-introduzzjoni ta' dan is-subparagrafu il-Leġislatur ried jiċċara l-interpretazzjoni tal-artikolu 8 sabiex jinkorpora diversi xenarji differenti u li n-nuqqas tagħhom jistgħu indubjament iwasslu għat-tbatija, mard jew uġiegħ tal-annimal miżmum.

Bil-piena għal dan ir-reat jiġi regolat mill-artikolu 45 tal-istess Att. Illi imbagħad l-artikolu 2 tal-Att tagħti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi il-moħqrija fejn jinghad illi:

> *''**moħqrija**'', fir-rigward ta' annimal, tfisser li ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġiegħ jew tbatija li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa;*

Hekk kif il-maġġoranza tal-Maltin u l-Għawdxin iħobbu l-annimali u dawk li jrabbu l-annimali domestiċi qiegħed dejjem jiżdied. Għandu minnufih jintbagħat messaġġ b'saħħtu lil dawk il-persuni li jwettqu atti ta' moħqrija fuq l-annimali, għaliex dawn l-atti mhux aċċettabbli.

> *Minn dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti jidhrilha li annimal jista' jiġi mġiegħel isofri uġigħ, tbatija, jew dwejjaq bla bżonn jew li jiġi abbandunat kemm b'azzjoni ta' kommissjoni kif ukoll b'azzjoni t'omissjoni. Tista' tabbanduna annimal billi tkeċċih fiżikament minn daru daqskemm tista' tabbanduna annimal billi tonqos milli titimgħu u tagħti kasu. Tista' ġġegħlu jbati billi ttih ikel li ma jkunx tajjeb għalih, daqskemm tista' ġġegħlu jbati billi tonqos milli ttih biżżejjed ikel tajjeb għalih. Tista' ġġegħlu jbati wġiegħ billi issawtu fiżikament daqskemm tista' ġġegħlu jbati wġiegħ billi ma ttiħx il-kura veterinarja meħtieġa għal mard jew ġrieħi li jkollu[2].*

L-Imħallef Michael Mallia fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija (Sp. Fabian Fleri) Vs Joseph Galea**[3] kien daħal f'dettal meta evalwa l-moħqrija tal-annimali wara l-każ li qajjem furur wara l-moħqrija u l-qtil tal-kelba Star *"L-istorja aggjaccanti illi xxukkjat nazzjon tal-kelba "Star", dan il-kaz partikulari fejn kelba ohra intremiet hajja fi skip ta' l-iskart u thalliet hemmhekk ghal tnax (12) –il siegha shah f'tereturi mmaginabbli sakemm kumbinazzjoni nstabet minn persuna li kien ghaddej vicin dan l-iskip. Il-kaz ta' klieb u qtates imsamrin fuq kurcifiss imhallija mdendla ma xi kancell jew grada, Zwiemel tal-karozzini mhallijin ghal sighat twal weqfin taht il-qilla tax-xemx minghar*

---

[2] Appell numru 146 tal-2019 fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Carmelo ZAMMIT** deċiż mill-Imħallef Aaaron Bugeja fit-12 ta' Novembru 2019

[3] Appell Kriminali Numru. 396/2011 deċiż fid-29 ta' Mejju 2013 kien daħal f'dettal meta evalwa l-moħqrija tal-annimali wara l-każ li qajjem furur tal-kelba Star.

*protezzjoni biex jaghtu sodisfazzjon ta' ftit flus lil sidhom. Klieb imhollija marbuta minghar protezzjoni ghall-elementi, sajf u xitwa. Il-glied tal-klieb organizzat b'mod kalndestin illi minn zmien ghal zmien jitfacca ghal skrutinju mistmerr tal-pubbliku. U fl-ahhar u xejn inqas il-qtil ta' l-annimal ghal divertiment tal-bniedem."*

L-għaref politiku u kbir statista Mahatma Gandhi darba kien qal illi l-kburija ta' pajjiż huwa meqjus mill-mod kif il-pajjiz jittratta l-annimali tiegħu. Sfortunatament f'dan il-kuntest il-poplu Malti ma tanx għandu għalxiex jiftaħar fejn minn żmien għal żmien qegħdin joħorgu rapporti u ċirkostanzi ta' moħqrija ta' annimali illi jiddisturbaw il-kuxjenza tal-maġġoranza li għandhom għal qalbhom il-ġid jew kif inhu magħruf bl-Ingliz "*well being*" tal-annimali.

L-annimali wkoll għandhom id-drittijiet tagħhom u bażikament huma maqsuma f'ħames taqsimiet:

1. Li jiġu meħlusa mill-ġuħ, il-għatx billi jkun hemm aċċess għall-ilma tax-xorb potabli u dieta biex tassigura s-saħħa tal-annimal.
2. Li ma jkunux soġġetti għal diżagi u skonfort billi jiġi provdut ambjent siewi nkluż lquh mill-elementi u post fejn jistgħu jistrieħu.
3. Li ma jkunux soġġetti għall-uġieh, feriti u mard bi prevenzjoni u trattament veterinarju fejn meħtieġ.
4. Li jkunu jistgħu jgħixu l-ħjja normali tagħhom billi jiġi provdut spazju, faċilitajiet adekwati u jkunu esposti għal annimali oħra tal-ispeċi tagħhom.

5. Li jkunu ħielsa mill-biża' u piena billi jkunu assigurati kundizzjonijiet u trattament illi jevitaw tbatija.

Il-konsegwenza ta' dawn id-drittijiet mhuwiex li l-bniedem jista' juża u jiddisponi mill-annimali kif irid u kif jogħġbu iżda għandu r-responsabbilta' li jassigura li dawn id-drittijiet jiġu mħarsa.

Il-Qorti meta analizzat il-provi ma jirriżultax li kien hemm moħqrija tal-klieb u għalhekk mhux se ssib ħtija fuq l-ewwel imputazzjoni iżda tħoss li bin-nuqqas dwar il-qies tal-gaġeġ tħoss li ż-żewġ t'iklieb ma kinux ingħataw trattament xieraq u għalhekk se tinstab ħtija fejn tidhol it-tieni u t-tielet imputazzjoni.

**<u>Regolamenti tal-2018 dwar iż-Żamma tal-Klieb[4]</u>**

Artikolu 4 (a) (b) (ċ) (d) jipprovdi dwar iż-żamma tal-klieb:

*4. Iż-żamma fi spazju limitat huwa permess biss:*

*(a) F'kumpartiment adekwat skont l-iskeda ġewwa żona mdawra bi ċnut sikuri.*
*(b) Fuq art li hija solida u impermeabbli.*
*(c) F'kundizzjonijiet ta' iġjene tajba.*
*(d) Mingħajr irbit jew trażżin.*

[4] Kif tipprovdi l-A.L. 318 tal-2018 Att dwar it-trattament xieraq tal-annimali (Kap.439)

L-speċifikazzjonijiet għal kumpartiment ta' kelb huma:

1. L-ebda kelb ma jista' jiġi ristrett fi kwalunkwe ħin b'hekk li jiġi kkawżat lilu tbatija jew ġrieħi. Kull annimal għandu jingħata l-ispazju xieraq għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi u etoloġiċi skont l-esperjenza u tagħrif xjentifiku stabbiliti.

2. L-ispazju minimu għal kull kelb qatt m'għandu jkun inqas minn dan li ġej: Kull kumpartiment għandu jkun provdut b'żona tal-irqad u żona tal-eżerċizzju bid-daqs mhux inqas minn dan li ġej: N tirreferi għan-numru ta' klieb fl-istess kumpartiment.

3. Il-materjali li għandhom jintużaw għall-kostruzzjoni tal-akkomodazzjoni, speċjalment dawk li jiġu f'kuntatt dirett mal-kelb, ma jistgħux ikunu ta' ħsara lill-annimal u għandhom ikunu jistgħu jiġu mnaddfa u diżinfettati fil-fond.

4. L-art li fuqha jinżammu l-klieb għandha tigi ddisinjata, mibnija u miżmuma b'tali mod li ma tikkaġunax ġrieħi jew tbatija lill-klieb.

5. Iċ-ċirkolazzjoni tal-arja, livelli ta' trabijiet, temperatura, umdita` relattiva tal-arja u l-konċentrazzjoni ta' gass għandhom jinżammu fil-limiti li ma jkunux ta' dannu għall-annimali.

6. Il-klieb m'għandhomx jiġu miżmuma la fi dlam permanenti u lanqas mingħajr perjodu xieraq ta' mistrieħ minn dawl għoli mill-gerriesa tal-kelb Erja minima ta' art tul minimu tal-iqsar ġenb.

<30cm (1+N) × 1m kwadru 1m 30-50cm (1+N) × 1.2m kwadru 1.2m **>50cm (1+N) × 1.5m kwadru 1.2m**

Il-Prosekuzzjoni ppuvat il-ħames imputazzjoni għaliex irriżulta mill-provi li l-gaġeġ ma kinux skont l-ispeċifikazzjonijiet li titlob il-liġi.

**<u>Reġistrazzjoni tal-klieb</u>**

Is-sub-indiċi (2) (10) tal-Artikolu 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 199/2011 (*437.101) li jipprovdu s-segwenti:*

*Ebda persuna m'għandha żżomm kelb t'erba' xhur jew aktar mingħajr liċenzja.*

*Kull persuna li jkollha fil-pussess tagħha kelb u li ma tirreġistrax dak il-kelb fid-Dipartiment skont dawn ir-regolamenti, jew kull persuna jew entita' li taghti informazzjoni skorretta, inkompleta jew falza fil-formola ta' reġistrazzjoni tkun ħatja ta' reat teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' tliet mitt euro (€300).*

Ma rriżultax li l-klieb kienu rreġistrati kif titlob il-liġi u dan konfermat minn mistoqsija speċifika li għamel l-uffiċċjal prosekutur lix-xhud Fiorita Sammut. L-imputat kif kellu dritt jagħmel baqa' sieket u ma preżenta l-ebda prova li turi l-kuntrarju.

**<u>Pieni</u>**

L-Artikolu 45(1) tal-istess Kap.439 jipprovdi dawn il-pieni:

*(1) Kull persuna li tikser id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu teħel, meta tinsab ħatja:*

*(a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000), iżda mhux iżjed minn ħamsa u ħamsin elf euro (€55,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.*

*(b) meta tinstab ħatja għat-tieni darba jew aktar, multa ta' mhux anqas minn ħamest elef euro (€5,000), iżda mhux iżjed minn tmenin elf euro (€80,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.*

**DECIDE:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah, u wara li rat is-sub indiċi 2, 3 u 4 tal-Artikolu 8 u Artikoli 45(1) tal- Kap. 439 l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, l-Artikolu 4 (a) (b) (ċ) (d) tar-Regolamenti tal-2018 dwar iż-Żamma tal-Klieb u sub-indiċi (2) (10) tal-Artikolu 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 199/2011 (*437.101*) issibu ħati tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames imputazzjoni u tikkundannah multa komplessiva ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2500).

| | |
|---|---|
| **Dr. Joseph Mifsud** | **Mary Jane Attard** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** |